MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 107/2005

**Philip Agius [ID 845057M]**

**Vs**

**Joan Smith [ID 23939A]**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fil-25 ta' Frar, 2005, fejn tabal lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas is-somma ta' elfejn, u tliet mitt lira Maltin (Lm2,300) rapprezentanti l-prezz tal-vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni LAB 395 li hija xtrat minghand Philip Agius.

Bl-ispejez, kontra konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Joan Smith fejn eccepiet:

1. Illi qabel xejn u preliminarjament l-attur ghandu jipprova li ghandu l-interess guridiku jaghmel din il-kawza.
2. Illi fil-meritu, l-eccipjenti ma ghandha thallas xejn lill-attur stante li ma xtrat l-ebda vettura minghandu. Hi sempliciment thajret tixtri vettura li kellu fix-showroom izda ma accettatx fuq parir tal-mechanic taghha u tal-kumpanija assikuratrici stante li l-vettura kienet modifikata u l-makna inbidlet minn dik tal-fakkrika kif jidher mill-ittra taghha tat-12 ta’’ Lulju 2004 (kopja Dok JS1) b’risposta ghall-ittra ta’ Dr Chris Cardona ghall-attur tas-26 ta’ Gunju 2004 (kopja Dok JS2).
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-kontroversja bejn il-partijiet f’din il-kawza ddur dwar il-bejgh o meno tal-vettura Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni LAB 395, li l-attur qieghed jghid illi legalment inbieghet lill-konvenuta, u din ta’ l-ahhar qeda tghid illi dan il-bejgh ma sarx peress illi kien soggett ghal kondizzjoni rizoluttiva li pero’ ma sehhitx.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attur qieghed fin-negozju tax-xiri u bejgh ta’ vetturi seconda mano. Ghall-habta tat-18 ta’ Gunju, 2004 il-konvenuta avvicinat l-istabbiliment tieghu u hemmhekk rat il-karozza Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni LAB 395 li tahdem fuq makna turbo diesel, li kienet immarkata bil-prezz ta’ elfejn u tliet mitt lira Maltin (Lm2,300). Hadu l-karozza ghal *test drive*, u meta marru lura l-konvenuta qalet lill-attur li l-vettura ghogbitha u li riedet tixtriha. Gie diskuss il-prezz u dakinhar thallas depozitu ta’ elf u mitt lira Maltin (Lm1,100) permezz ta’ *cheque* bin-numru 66.

Il-konvenuta rrilaxxat kopja ta’ l-ircevuta ma’ l-eccezzjonijiet li fihom il-kliem, “Subject to inspection and valuation”.

L-attur minn naha l-ohra esebixxa l-kopja ta’ l-original illi kellu hu, li pero’ ma fihiex dan il-kliem.

Sussegwentement, jidher li l-konvenuta kellha ripensament meta sabet illi ma setghetx tassigura l-vettura fuq polza *comprehensive* ghall-ammont illi kienet xtratha. Minkejja illi gew mitluba diversi assigurazzjonijiet, hadd ma ried jassigura l-vettura ghal aktar minn elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). Dan ukoll ghaliex bhala vettura rari hafna, peress illi go Malta gew importati biss zewg ezemplari tat-tip Fiat Uno diesel, u l-assikuraturi ma kellhomx dan il-mudell fuq ir-Registru tal-Valutazzjonijiet tal-Vetturi, allura l-assikurazzjonijiet kienu riluttanti illi jassiguraw il-vettura fuq polza *comprehensive*. Meta l-konvenuta rat dan qalet lill-attur illi ma riditx tiehu l-vettura.

L-attur minn naha l-ohra insista li l-bejgh legalment sar bl-iffirmar ta’ l-ircevuta u l-*logbook*, u ma riedx jehles lill-konvenuta minn tali bejgh u ddepozita l-vettura l-Qorti u bdew dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda u anki waqt diskussjoni fis-sottomissjonijiet ta’ l-avukat tal-konvuta, tqajjmet il-kwistjoni tal-proprjeta’ tal-vettura, fejn l-avukat tal-konvenuta qieghed jargumenta illi l-attur ma kellu l-ebda nteress li jaghmel din il-kawza la l-vettura ma kinitx tieghu. L-attur spjega l-procedura adoperata minn persuni li joperaw stabbilimenti tal-bejgh ta’ vetturi seconda mano, fejn jghid fost affarijiet ohra minkejja li vettura baqghet registrata f’isem is-sid precedenti, “We do have a special provision with the ADT whereby we can keep the vehicle registration of the original owner as long as the license is still valid for that particular year.” L-istess a fol. 41 meta jghid, “Meta l-karozza kienet ghandi kienet ghadha registrat f’isem Victor Formosa. Jiena ma nfurmajtx lil

ADT li l-vettura qeda ghandi, fil-fatt m'ghandix ghalfejn ninfurmahom. Il-licenzja kienet imhallsa, sidha halla l-karozza ghandi u jiena ghamilt arrangamenti mieghu biex inbieghha."

Ghalhekk, jidher illi s-sid originali tal-karozza fada lill-attur b'inkarigu specifiku li jbiegh il-vettura u jaghmel dan billi kkonsenja l-*logbook* u hemmhekk iffirma l-formola tat-transferiment [ara fol. 30].

Ikkunsidrat:

Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi f'sitwazzjoni bhal din ma hemmx ghalfejn provi specifici tal-mandat illi persuna jkun ta lil hadiehor sabiex jesegwixxi talba specifika. Victor Formosa, s-sid originali, ta l-vettura lill-attur fil-kapacita' tieghu ta' negozjant ta' vetturi seconda mano sabiex dina tinbiegh lil terzi u mall-vettura gie kkonsenjat il-*log book* li minghajru ma jistax isir bejgh. X'arrangament sar bejn l-attur u Victor Formosa huwa rrilevanti ghal din il-kawza. Li hu mportanti hu illi Formosa fada l-karozza f'idejn l-attur sabiex din tinbiegh.

F'kawza riportata fil-Vol. XLI P1 p372 inghad, "Quando si commette ad una persona di fare una cosa nel corso della professione che esercita', senza espressa limitazione di faculta' di dare tutto cio che e' necessario per l esecuzione del mandato." [Ara wkoll Vol. XXV P1 p597 u Vol. XXIX P2 p968]

Ghalhekk, il-Qorti hija sodisfatta illi l-attur seta jagixxi ghal bejgh tal-vettura peress illi kellu talba espressa ghal dan minghad sidha originali Victor Formosa. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi f'din is-sitwazzjoni, zgur, illi l-attur ghandu nteress illi jaghmel din il-kawza u jottjeni gudizzju mill-Qorti ghat-talba tieghu, liema gudizzju ma kienx ikun ottenut li kieku l-attur ma talabx lill-Qorti taghmel dan. Fil-kawza Terence Cossey vs Mario Blackman [Vol. XLIX P2 p125] inghad, "L-interess ta' l-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz ta' l-azzjoni jista' jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utli. Dan l-interess jrid jezisti fil-

mument tal-bidu tal-kawza u jrid jibqa’ jissustissi sa l-ahhar taghha.”

Ma hemmx dubju illi f’din il-kawza jekk l-attur jottjeni rizultat favorevoli, dan ikun ta’ vantagg ferm utili ghalih, liema vantagg ma jistax jiehdu minghajr l-intervent tal-Qorti. Hawnhekk, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti di Cassazione, l-Italja fis-6 ta’ Ottubru, 1972 fl-ismijiet <u>Societa Spemo vs Societa Egeria</u> (Nru. 112 Cass. Nru. 2884). “L interesse ad agire riciesto dall’ Articolo 100 c. p. c. consiste nell’esigenza di ottenere un risultato utile, guridicamente apprezabile e non conseguilbile senza l intervento del gudice.”

Ghalhekk, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-attur ghandu nteress jaghmel din il-kawza u ghalhekk, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu, m’hemmx dubju illi l-kuntratt tal-bejgh, bhal kuntratti ohra jrid jigi esegwit in buona fede u jkun konkjuz meta l-oggett ikun identifikat u l-prezz mifthiem [Art. 1347 Kap. 16]. Fil-kaz ta’ vettura, pero’ hemm rekwizit iehor u cioe’ illi n-negozju jkun redatt bil-miktub. F’kawza riportata fil-Vol. XL P1 p583, inghad, “Sabiex jinghad illi hemm bejgh u trasferiment ta’ karozza, jehtieg li l-partijiet jirriducu dan in-negozju ghall-miktub … Din il-formalita’ hija rikjesta ad solenitatem u ghalhekk, ghat-twelid u l-ezistenza tan-negozju guridiku.” Dan gie konfermat ricentement f’kawza deciza mill-Prim’Awla fl-ismijiet <u>Montebello Enterprises Limited vs Joseph Cutajar et</u> fis-7 ta’ Jannar, 2003 fejn ghamlitha cara li bejgh ta’ vettura jkun validu biss jekk din issir bil-kitba [ara wkoll <u>Fidele Dalli vs Alfred Caruana</u> 28.01.93 VoL LXXVII P2 p18].

Il-Qorti tirrleva illi ma hemm l-ebda forma stabbilita kif ghandha ssir din il-kitba, bizzejjed illi jkun hemm dikjarazzjoni tal-partijiet kif ukoll il-firem taghhom fuq il-*logbook* sabiex il-bejgh jigi legalment konkjuz. F’dan il-kaz, il-partijiet iffirmaw isimhom fuq il-*logbook* u minkejja

dak illi tghid il-konvenuta illi l-firma taghha ttiehdet b'ingann, la ma haditx passi b'kawza *ad hoc* sabiex tannulla dik id-dikjarazzjoni fuq il-*logbook*, ma tistax f'din il-kawza tqajjem tali eccezzjoni u l-Qorti trid tiehu dik id-dikjarazzjoni fuq il-*logbook* ghal li hi. [Vol. XXXVI PII p585 u Vol. XXXVIII P 1 p51]

Barra minn hekk hemm il-kwistjoni tahraq bejn il-partijiet ta' l-ircevuta li kitbet il-konvenuta. Fix-xhieda taghha din ammettiet illi l-ircevuta kitbitha hi stess fuq il-ktieb ta' l-ircevuti li pprovdielha l-attur. Kitbet id-deskrizzjoni tal-vettura, l-prezz, id-depozitu li kien imhallas u il-bilanc li kellu jithallas. Sa hawn m'hemmx kwistjoni bejn il-partijiet. Pero' l-konvenuta pprovdiet fotokopja ta' rcevuta li fiha l-kliem, "Subject to inspection and valuation", liema kliem mhumiex qeghdin fil-kopja originali li esebixxa l-attur.

Meta l-Qorti staqsiet lill-attrici dwar din l-ircevuta, dina wiegbet, "As I recall, I first wrote out the receipt, stated the balance and then made out the cheque, after that I put down my telepfone number and the words 'subject to inspection and valuation'. When I did that the invoice was still attached to the book, I was then given the original."

Naturalment hawnhekk, il-Qorti tistaqsi, jekk l-original kien dak il-hin ghadu mwahhal mall-kopja, kif jista' jkun li l-kliem 'subject to inspection and valuation' li dehru fuq il-kopja li esebit il-konvenuta ma dehrux fuq il-kopja originali li esebixxa l-attur. Il-konvenuta ma taghat l-ebda spjegazzjoni, izda l-avukat taghha waqt is-sottomissjonijiet tieghu qal illi dan sar il-ghaliex il-*carbon paper* ma kinitx twila bizzejjed.

Filwaqt li din il-Qorti wisq tissuspetta illi din l-ispjegazzjoni nghatat "tongue in cheek" ma tistax taccettha bhala gustifikazzjoni la minn naha ta' konvenuta ma gie pruvat u spjegat xejn. Ghalhekk, hawnhekk, il-Qorti tissuspetta illi l-konvenuta riedet tqarraq u wara li kellha l-ircevuta f'idejha, kitbet dak il-kliem 'subject to inspection and valuation' biex tiggustifika n-nuqqas ta' azzjoni taghha billi tkompli bl-esekuzzjoni tal-bejgh. Il-vera raguni tal-konvenuta biex tirredici mill-bejgh hija illi ma sabitx

assigurazzjoni li jkopri l-vettura bil-polza li riedet hi u ghal valur li riedet hi.

Zewgha, Bertrand Smith, a fol. 46 jghid, “I wish to state that the value of the car was not an issue. We were willing to pay the price of the vehicle as agreed to, however we wanted the vehicle covered with a comprehensive policy for the value that we had bought it and this was refused.”

Quindi, l-kwistjoni li kellha l-konvenuta ma kellhiex tkun ma’ l-attur, izda mall-kumpanija assiguratrici illi ma riditx taqdigha bil-polza li riedet hi u peress illi l-konvenuta ma kellha l-ebda sahha fuq din l-assigurazzjoni, allura rat kif ghamlet biex tehles minn dan il-bejgh u titfa’ l-piz kollu tieghu fuq l-attur u ghamlet dan billi, wara l-bejgh, ghamlet il-kondizzjoni rizoluttiva ‘subject to inspection and valuation’ biex tahrab mill-obbligazzjonijiet taghha.

Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tkun partecipi ma’ dan l-att frawdolenti illi ghamlet il-konvenuta u hija sodisfatta illi l-kliem rizoluttiv li kitbet il-konvenuta ghamlitu wara li qatghet l-original mill-ktieb ta’ l-ircevuti meta l-attur ma kellu l-ebda mezz jikkontrolla dak illi kienet qeda tikteb.

Ghalhekk, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi dan il-bejgh ghandu l-modalitajiet kollha rikjesti mil-ligi u ghandu jitqies bhala wiehed validu. In-negozju bejn il-partijiet gie konkjuz, l-oggett identifikat, u il-prezz mifthiem u saret ukoll forma ta’ skrittura billi nharget l-ircevuta u gie ffirmat il-*logbook*. Dawn ipoggu l-parametri tal-bejgh f’wiehed guridiku u l-konvenuta ma tistax issa tahrab minnu.

Ghalhekk, filwaqt illi l-Qorti tiddikjara li l-bejgh tal-vettura Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni LAB 395 gie validament konkjuz, tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenuta li thallas is-somma ta’ elfejn, u tliet mitt lira Maltin (Lm2,300) rapprezentanti l-prezz tal-vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni LAB 395 li hija xtrat minghand l-attur Philip Agius.

Bl-ispejjez u l-intessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------